UFFIĊĊJU TA' L-AVUKAT ĠENERALI
IL-PALAZZ
IL-BELT
MALTA

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL
THE PALACE
VALLETTA
MALTA

TELEPHONE: 21225401
21235315
21228189
FAX: 21240738

**Our ref.** AG 431/10
**Your ref.**

**Date:**25 ta' Gunju 2010

L-Onor. Jean Pierre Farrugia,
Att. Eleanor Scerri,
President tal Kumitat Maghzul tal-Kamra,
(Prokreazzjoni Medikament Assistita)
Kamra tad-Deputati,
Valletta.

Ghaziz Onor. Farrugia,

Naghmel riferenza ghall-ittra tieghek tat-8 ta' Gunju 2010 li permezz taghha tlabt l-opinjoni tieghi dwar kif il-ligijiet ta' Malta dwar l-adozzjoni japplikaw f'kaz ta' adozzjoni ta' embrijuni u dwar jekk donazzjoni ta' gameti ghandhiex tkun regolata f'ligi Maltija fl-eventwalita' li tali donazzjoni tkun tista' ssir biss barra minn Malta a spejjez tal-Gvern Malti.

Fil-fehma tieghi il-kliem tad-dspozizzjonijiet legali fil-Kodici Civili li jirregolaw l-adozzjoni ma jipprestawx ruhom li jigu interpretati li jestendu ghall-adozzjoni ta' embrijuni. Bizzejjed jinghad li l-artikolu 116 tal-Kodici jipprovdi li:

> 116. (1) Hlief meta r-rikorrent jew wiehed mir-rikorrenti jkun l-omm jew il-missier tal-persuna li tkun se tigi adottata, ma jinghatax digriet ta' adozzjoni jekk il-persuna li tkun se tigi adottata ma kinitx kontinwament fil-kura u l-pussess tar-rikorrent ghal mill-inqas tliet xhur konsekuttivi minnufih qabel id-data tad-digriet ta' adozzjoni,....

Fil-fehma tieghi dan hu bizzejjed sabiex juri li l-ligi ta' l-adozzjoni ma kienetx intiza biex tapplika ghall-adozzjoni ta' embrijuni. Sabiex ikun cjar li d-dispozizzjonijiet imsemmija jkunu jestendu wkoll ghall-adozzjoni ta' embrijuni, darba jigi deciz li dan ikun desiderabbli, ikun irid isir aggustament tad-dispozizzjonijiet imsemmija u ma hux eskluz li jkunu mehtiega jizdiedu xi dispozizzjonijiet biex specifikatament ikopru l-htigijiet specifici ta' adozjonijiet ta' embrijuni.

In kwantu ghat-tieni domanda id-decizjoni jekk id-donazzjonijiet ta' gameti ghandhiex tkun regolata f'ligi Maltija hi wahda ta' policy u jehtieg li tittiehed fil-kuntest aktar wiesgha ta' kwalunkwe tali donazzjoni, issir barra minn Malta jew f'Malta, issir a spejjez

tal-Gvern jew a spejjez tal-privat. Fil-kaz li d-donazzjoni tkun ser issir barra minn Malta, naturalment, ikun difficli li l-ligi Maltija tirregola xi haga li tkun ser issir barra mill-gurisdizzjoni ta' Malta; dan certament jiggenera problemi ta' infurzar. Dan ma jfissirx, izda, li ma jkun hemmx aspetti li xorta jkunu jistghu jigu regolati b'ligi Maltija bhal, per ezempju, li persuna li tkun ibbenefikat minn donazzjoni ta' gameti barra minn Malta tkun mehtiega li tirregistra dik id-donazzjoni f'Malta u li taghti certi dettalji ta' dik id-donazzjoni. F'dan il-kaz, izda, wiehed ikun irid jara x'konsegwenzi ghandu jkun hemm jekk persuna tonqos milli taghmel tali registrazzjoni u tkun trid issir evalwazzjoni fuq il-prospetti ta' enforzar ta' tali konsegwenzi. Wiehed jista' wkoll jidhirlu li, fl-eventwalita' ta' twelid f'Malta b'effett ta' donazzjoni ta' gameti li tkun saret barra minn Malta, jkun mehtieg li l-ligi Maltija tirregola l-effetti ta' dik id-donazzjoni bhal, per ezempju, fuq il-paternita' u/jew maternita' legittima u legalment rikonoxxuta tal-wild.

X'tip ta' regolamentazzjoni legali tkun mehtiega tkun tiddependi mir-rizultat tar-riflessjonijiet tal-Kumitat u tad-decizjonijet tieghu fir-rigward.

S. Camilleri
Attorney General